**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2000**

Citazzjoni numru 82/1997MM

Maria Assunta Mercieca

-vs-

Celestino u Antoinette konjugi Grech, Francesca Galea, Joseph u Carmena konjugi Abela u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2000 gew kjamati fil-kawza Emanuel u Jenise Nancy Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-22 ta' April 1997 fejn ppremettiet illi hija tikri minghand il-konvenuti l-hanut numru 16, Triq San Giusepp, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenuti talbu lill-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna biex jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-hanut imsemmi.

Illi fl-ewwel seduta li ghalih r-rikors numru 1/1997 fl-ismijiet inversi, l-Bord li Jirregola l-Kera, wara li ra r-riferta posittiva tar-Rikors, innota li l-initmata (i.e. l-attrici fil-kawza odjerna) imsejha tliet darbiet naqset li tattendi, ra l-Artiklu 30 tal-Kapitlu 69 tal-Ligjiet ta' Malta u osserva li l-intimata ma kinitx ipprezentat risposta, fic-cirkostanzi, laqa' t-talba rikorrenti u ittermina l-kirja ta' l-attrici tal-hanut imsemmi b'effett mis-16 ta' Awissu 1997, bl-ispejjez kontra l-attrici, allura intimata (Dok B); u

Illi l-Avviz ghas-smiegh tal-kawza li kien innotifikat lill-attrici kien tal-"Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)" u mhux tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, u kien jirrifera ghal "Cit./Avviz numru 1/97G4" umhux ghal "Rikors Numru 1/97G4", u kien indirizzat "lill-konvenut" u mhux lill-intimata, u kien mahrug "Mir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)" u mhux mir-Registru tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, u ghaldaqstant l-avviz imsemmi kien erroneju, difettuz u irregolari, u n-notifika ta' l-attrici kienet zbaljata, difettura u irregolari, u l-passi li ttiehdu

mill-Bord imsemmi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 1997 kienu ghalhekk vizzjati (ara Dok A);

Talbet li din l-Onroabbli Qorti:

a. tiddikjara li l-Avviz ta' l-ewwel appuntament tar-Rikors numru 1/97G4 fl-ismijeit "Celestino Grech et vs Maria Assunta Mercieca" tal-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna (Dok A) kien erroneju, difettuz u irregolari minhabba r-ragunijiet fuq specifikati u li kwindi n-notifika maghmula lill-attrici ta' l-istess Avviz kienet zbaljata, difettuza u irregolari u kwindi d-decizjonijeit mehuda mill-imsemmi Bord fl-istess seduta tat-12 ta' Marzu 1997 kienu vizzjati minhabba in-notifika vizzjata; u

b. tannula d-decizjoni imsemmija tal-Bord imsemmi u tiddikjaraha minghajr ebda effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiddeciedi dar il-validita o meno tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera.

2. Illi preliminarjament ukoll in-nullita tal-procedura segwita mill-attrici in kwantu ma hux moghti lilha l-jedd li tattakka l-validita ta' sentenza li ghaddiet in gudikat ghajr bil-procedura ta' ritrattazzjoni kif u fejn applikabbli.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal-premess il-proceduri segwiti mill-Bord li Jirregola l-kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna saru validament u skond il-Ligi.

4. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghall-premess is-suppost "nuqqasijiet" elenkati fic-citazzjoni ma jistghux iwasslu ghan-nullita' mitluba mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu 2000 fejn ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Emanuel u Jenise Nancy konjugi Grech.

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet ta' dawn il-kjamati fil- fejn eccepew illi:

1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-validita o meno tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera.

2. Illi preliminarjament ukoll in-nullita tal-procedura segwita mill-attrici in kwantu ma hux moghti lilha l-jedd li tattakka l-validita ta' sentenza li ghaddiet in gudikat ghajr bil-procedura ta' ritrattazzjoni kif u fejn applikabbli.

3. Illi irid jigi deciz ukoll x'validita jista' jkollhom it-talbiet attrici fir-rigward tal-kjamati fil-kawza. Dan ghaliex stante li huma ma ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici stante li d-dritt pretiz mill-attrici kien wiehed personali fil-konfront tal-konvenuti u stante li fil-mument ta' l-akkwist tal-proprjeta' din kienet b'sentenza tal-Bord hielsa minn kull kirja, ma tistax issa f'dan l-istadju tigi imposta kirja fuqhom.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-prmess il-proceduri segwiti mill-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna saru validament u skond il-Ligi.

5. Illi fil-mertu wkollu minghajr pregudizzju ghall-premess is-suppost "nuqqasijiet" elenkati fic-citazzjoni ma jistghux iwasslu ghan-nullita' kif mitluba mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukati difensuri dwar l-ewwel eccezzjoni imqajjma mill-konvenuti u l-kjamati fil-kawza li tittratta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar validita o meno ta' proceduri quddiem il-Bord tal-Kera.

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-eccezzjoni preliminari l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qeghdin ipoggu ostaklu ghall-azzjoni attrici f'termini ta' gurisdizzjoni fis-sens illi din il-Qorti m'ghandhiex il-validita' li tissindika proceduri quddiem il-Bord tal-Kera.

B'din l-istanza, l-attrici qeghdha tilmenta li giet moghtija sentenza kontra taghha mill-Bord tal-Kera meta hija ma gietx regolarment notifikata biex tidher ghas-seduta li giet imsejha minn dan il-Bord u b'hekk fin-nuqqas ta' l-attendenza u risposta taghha giet mehuda sentenza li kienet ta' pregudizzju ghaliha, ghalhekk b'din l-istanza qeghdha titlob l-annulament ta' dik id-decizjoni minhabba dan l-izball proceduràli illi ma kienitx validament notifikata biex tidher quddiem il-Bord.

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qeghdin jghidu li din mhix il-procedura illi messha adoperat l-attrici meta kellha disponibbli ghaliha appell kif ukoll ritrattazzjoni kif u meta ikun il-kaz. Darba sentenza tigi definittiva ma tistax terga tigi miftuha mill-gdid semplicement b'citazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi b'din l-istanza l-attrici qeghdha effettivament tirraddika din il-Qorti tal-Prim'Awla bhala wahda ta' Appell tat-Tielet Istanza, meta din fil-fatt ma tezistix fil-ligi taghna. Fil-fatt f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell "Fedele Dalli vs Coronato Sare'", deciza fl-20 ta' Frar 1996, il-Qorti qalet illi s-sistema gudizzjarja Maltija ma kienitx tipprovdi ghall-Qorti tat-Tielet Istanza u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni huma rimedji straordinarji moghtija mil-ligi biex jigu ratifikati kazi ta' ingustizzji u ghalhekk tali rimedju ma kellux jigi abbuzat.

Il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jaghti lill-parti rimedji ta' Appell u ritrattazzjoni bil-mezzi u modalitajiet imsemmija fl-Artikolu 811 ta' l-istess Kodici. Ma hemm l-ebda referenza ghall-possibilta' li sentenza tista' tigi attakkata b'xi mod iehor oltre dak mghottija bl-istess procedura.

Forsi l-ahjar kaz illi jista' jinkwadra f'din is-sitwazzjoni hija dik moghtija fl-ismijiet "Alfred Cauchi vs Louis Vassallo et" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Lulju 1995 li kkonfermat sentenza tal-Prima Istanza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili fit-12 ta' Marzu 1993. Din is-sentenza kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell qalet

*"Il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12, espressament jitratta biss dwar ir-rimedju ta' l-appell jew dak ta' ritrattazzjoni bhala mezzi moghtija lill-parti li jkollha interess illi tattakka sentenza tal-Qorti u inoltre tistipula rigorozament it-termini taz-zmien li fihom dawn ir-rimedji jistghu jigu utilizzati. Wara l-iskadenza taz-zminijiet stabbiliti s-sentenza tigi imbaghad definita bhala wahda definittiva. Fl-ebda artikolu ta' l-istess Kodici ma tezisti referenza ghall-possibbilta li sentenza tal-Qorti tista' tigi attakkata fil-validita taghha b'xi procedura ohra oltre dik ta' l-Appell jew ta' ritrattazzjoni".*

B'din l-istanza l-attrici qeghdha tipprova tattakka sentenza moghtija mill-Bord tal-Kera fit-12 ta' Marzu 1997 u din ic-citazzjoni gietipprezentata fit-22 ta' April 1997. Ma hemm l-ebda raguni l-ghala l-attrici ma kellhiex tuza xi wahda mill-mezzi moghtija lilha mill-Kodici ta' Procedura sabiex tattakka din is-sentenza tal-Bord tat-12 ta' Marzu 1997. La ma uzatx dawk il-mezzi ma tistax issa tivvinta procedura ohra billi tadixxi din il-Qorti u tattakka decizjoni moghtija minn Bord li taghha din il-Qorti m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni fuqha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi fil-waqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u kjamati fil-kawza, tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet u konsegwentement tordna li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawza jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

vera kopja

Ghar-Registratur